

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11599/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0283(NLE)

PECHE 289

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 430 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/865

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 430 final.

Mehmuż: COM(2023) 430 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023
COM(2023) 430 final

2023/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/865

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) għall-perjodu 2024-2028 b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

Bl-istabbiliment tan-NEAFC, il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (Konvenzjoni NEAFC) tfitte li tiżgura konservazzjoni u użu ottimu fit-terminu t-twil, għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni (“iż-żona regolatorja”). Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 1982 u ġiet emendata fl-2004 u fl-2006. L-emenda tal-2006 daħlet fis-seħħ formalment fid-29 ta' Ottubru 2013. L-emenda tal-2004 għadha ma daħlitx fis-seħħ.

L-UE hija parti mill-Konvenzjoni NEAFC, billi approvatha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE¹. L-emendi tal-2004 u tal-2006 ġew approvati permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE².

2.2. Il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal

In-NEAFC huwa l-korp stabbilit mill-Konvenzjoni NEAFC biex ikun responsabbli għall-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona regolatorja. Din tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex tiżgura l-użu ottimu tar-riżorsi tas-sajd li hija responsabbli minnhom.

Bħala membru tan-NEAFC, l-Unjoni Ewropea hija intitolata tipparteċipa u tivvota fid-deċiżjonijiet tagħha. In-NEAFC tieħu d-deċiżjonijiet tagħha dwar il-miżuri ta' konservazzjoni u kontroll b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti tal-Partijiet Kontraenti kollha li huma preżenti u li jivvutaw favur jew kontra.

2.3. Deċiżjonijiet tan-NEAFC

In-NEAFC għandha l-awtorità li tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha, u dawn ikunu vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

F'konformità mal-Artikolu 12(1) u (2) tal-Konvenzjoni NEAFC, il-miżuri jidħlu fis-seħħ 80 jum wara d-data li fiha l-partijiet kontraenti jiġu notifikati bihom min-NEAFC. Partijiet kontraenti li joġġezzjonaw għal miżura fi żmien 50 jum milli jiġu nnotifikati mhumiex marbutin b'dik il-miżura. Meta aktar minn terz tal-partijiet kontraenti jissottomettu

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE tal-5 ta' Marzu 2009 dwar l-approvazzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni dwar il-koperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni rigward is-Sajd fl-Grigal tal-Atlantiku, li jippermettu l-istabbiliment ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' dispuți, l-estensjoni tal-ambitu tal-Konvenzjoni u reviżjoni tal-għanijiet tal-Konvenzjoni (ĠU L 184, 16.7.2009, p. 12).

oġġezzjoni, il-kumpliment tal-partijiet kontraenti mhumiex obligati jimplimentaw il-miżura kkontestata.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat annwali tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) bħalissa hija stabbilita permezz ta' approċċ b'żewġ saffi. Deċiżjoni tal-Kunsill tistipula l-prinċipji ta' gwida tal-pożizzjoni tal-UE fuq bażi pluriennali, u minn hemm 'il quddiem din il-pożizzjoni tiġi aġġustata għal kull laqgħa annwali permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li jridu jiġu endorsjati mill-Kunsill.

Għan-NEAFC, dan l-approċċ huwa implimentat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865 tal-14 ta' Mejju 2019, li tistipula l-pożizzjoni tal-UE fin-NEAFC għall-perjodu 2019-23. Id-Deċiżjoni fiha prinċipji ġenerali, iżda kemm jista' jkun tqis ukoll il-karatteristiċi speċifiċi tan-NEAFC. Barra minn hekk, tistipula l-proċess standard għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-UE kull sena kif mitlub mill-Istati Membri.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865 inkorporat il-prinċipji tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, filwaqt li tqis ukoll l-oġġettivi stipulati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd⁴. Barra minn hekk, aġġustat il-pożizzjoni tal-Unjoni għat-Trattat ta' Liżbona.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865 tippredvi valutazzjoni, u fejn xieraq, reviżjoni tal-pożizzjoni tal-UE qabel il-laqgħa annwali tal-2024. Għalhekk, din il-proposta tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE fin-NEAFC għall-perjodu 2024-2028, u b'hekk tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865.

Fir-rigward tas-sajd, din il-proposta tqis il-Patt Ekoloġiku Ewropew, notevolment l-Istrateġija għall-Bijodiversità⁵, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁶ u "Mill-Għalqa sal-Platt"⁷. Tqis ukoll l-Istrateġija għall-Plastiks⁸ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero⁹. Barra minn hekk, tqis ukoll il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani¹⁰.

³ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354 tat-28.12.2013, p. 22).

⁴ COM(2011) 424, 13.7.2011.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final).

¹⁰ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sewa stabbilita fi ftehim, meta dik is-sewa tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”

“Atti li jkollhom effetti legali” jinkludu atti li jkollhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni, u l-istrumenti li ma jkollhomx effetti vinkolanti taħt id-dritt internazzjonali, iżda huma “jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni”¹¹.

Applikazzjoni għal dan il-każ

In-NEAFC hija korp stabbilit permezz ta’ ftehim, il-Konvenzjoni NEAFC.

L-atti li n-NEAFC hi mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. Dawn se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni NEAFC u huma kapaċi jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż:

- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat¹²;
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta’ kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd¹³; u
- ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni¹⁴.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Konvenzjoni NEAFC.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni Ewropea. Jekk l-att ikollu żewġ miri jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn il-miri jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-mira jew komponent ewlieni jew predominanti.

¹¹ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

¹² ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

¹³ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹⁴ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrigwardaw is-sajd. Il-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni hija r-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-Deċizzjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE. Id-Deċizzjoni se tissostitwixxi d-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865, li tkopri l-perjodu 2019-2023.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċizzjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/865

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE¹, l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal² (il-Konvenzjoni NEAFC), li stabbilixxiet il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). L-emendi tal-2004 u l-2006 għall-Konvenzjoni NEAFC ġew approvati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE tal-5 ta' Marzu 2009³. L-emendi formalment daħlu fis-seħħ fid-29 ta' Ottubru 2013 għalkemm, skont id-Dikjarazzjoni ta' Londra tat-18 ta' Novembru 2005⁴, ġie miftiehem li l-emendi jiġu implimentati fuq bażi provviżorja mill-adozzjoni tagħhom, sakemm jidħlu fis-seħħ.
- (2) In-NEAFC tadotta miżuri biex tiżgura l-konservazzjoni u użu ottimu fuq terminu twil, tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni NEAFC (“iż-Żona Regulatorja”). Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitàjiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjeg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tftitex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

² ĠU L 227, 12.8.1981, p. 22.

³ ĠU L 184, 16.7.2009, p. 12.

⁴ Id-Dikjarazzjoni ta' Londra: Dikjarazzjoni dwar l-Interpretazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal, 2005

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li dawk l-oġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

- (4) F'konformità mal-Istrateġija għall-Bijodiversità⁶, l-Adattament għat-Tibdil Klimatiku⁷ u "mill-Għalqa sal-Platt"⁸, huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tibdil klimatiku u t-telf tal-bijodiversità ma jridux jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (5) L-istrateġija għall-Plastiks⁹ tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero¹⁰ jimmira li jnaqqas 50 % tal-iskart tal-plastik fil-baħar u 30 % tal-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent.
- (6) Skont il-Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani¹¹, il-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marina huma prijoritajiet ewlenin taħt l-azzjoni esterna tal-UE. L-UE hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (ORGS) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-UE tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tan-NEAFC għall-perjodu 2024-2028, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tan-NEAFC jistgħu jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008¹³ u Nru 1224/2009¹⁴.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita (COM/2020/380).

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, (COM(2021) 82 final).

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (COM/2020/381).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari, COM(2018) 28 final.

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM(2021)400 final.

¹¹ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli, JOIN(2022)28 final.

¹² Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

¹³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux

- (8) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tan-NEAFC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865¹⁵. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi stabbilita Deċiżjoni ġdida għall-perjodu 2024-2028.
- (9) Fid-dawl tan-natura evolventi tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona Regulatorja (ilmijiet internazzjonali fil-kompetenza tan-NEAFC) u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra preżentata qabel jew matul il-laqgħat tan-NEAFC, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2024-2028. Jenħtieġ li dawk il-pożizzjonijiet ikunu bi qbil mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) hija stipulata fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tan-NEAFC għandha f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tan-NEAFC fl-2029.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/865 hija mħassra.

¹⁴ irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

¹⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), u li tħassar id-Deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fin-NEAFC (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 60).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*